# Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Lulju tal-2023

NR 159/2023 Data tal-Ħruġ: 11 ta' Settembru 2023 Data tal-Għeluq: 01 ta' Settembru 2023

*Ċifri proviżorji juri li, f'Lulju 2023, il-kummerċ tal-merkanzija rreġistra defiċit ta' €410.7 miljuni meta mqabbel mad-defiċit ta' €817.3-il miljun fl-istess żmien tal-2022.*



**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Lulju tal-2023**

It-tagħrif kollu mogħti f'din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet jippreżenta l-kummerċ kollu tal-merkanzija sad-data tal-għeluq imsemmija. Ċifri proviżorji juru li, f'Lulju tal-2023, kien irreġistrat defiċit ta' €410.7 miljuni, meta mqabbel mad-defiċit ta' €817.3-il miljun tal-istess xahar fl-2022. L-importazzjoni ammontat għal €775.3 miljun, mentri l-esportazzjoni kienet ta' €364.6 miljun. Dan juri tnaqqis kemm fl-importazzjoni u kemm fl-esportazzjoni, li kien ta' €412.3 miljun u l-€5.6 miljuni, rispettivament, fuq l-istess xahar tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1). It-tnaqqis ewlieni fl-importazzjoni kien l-aktar minħabba l-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€319.1-il miljun) u l-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€79.5 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, it-tnaqqis ewlieni kien irreġistrat fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€68.7 miljun), li kien sa ċertu punt ibbalanċjat b'żieda fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€69.8 miljun) (Tabella nru 3).

**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Jannar-Lulju tal-2023**

Fl-ewwel seba' xhur tas-sena, id-defiċit fil-kummerċ sħiħ tal-merkanzija ċkien b'€537.0 miljun meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2022, sabiex laħaq l-€2,288.1 miljun. L-importazzjoni ammontat għal €4,755.1 miljun filwaqt li l-esportazzjoni laħqet l-€2,467.1 miljun. Dawn jirrappreżentaw tnaqqis ta' €561.3 miljun u €24.2 miljun,  rispettivament (Tabella nru 1). Importazzjoni anqas dehret fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€386.6 miljun), fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€238.8 miljun), u fil-Kimika (€35.6 miljun), li kienu sa ċertu punt ibbilanċjati b'żidiet fl-Ikel (€48.1 miljun) u fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€40.1 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, it-tnaqqisa ewliena kienet fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€167.6 miljun). Din kienet parzjalment ikkompensata b'żieda fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€158.3 miljun) (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija: Data ta' kull xahar




Il-merkanzija kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, miġjuba mill-Unjoni Ewropea (51.5 fil-mija) u mill-Asja (21.1 fil-mija). Bl-istess mod, l-esportazzjoni marret l-aktar lejn l-Unjoni Ewropea (39.1 fil-mija) u l-Asja (14.6 fil-mija).  Minn fost il-pajjiżi ewlenin li Malta importat mingħandhom fix-xahar li qed jiġi mifli, l-akbar żieda kienet irreġistrata mir-Renju Unit (€134.4 miljun), filwaqt li l-akbar tnaqqis kien dak ġej mill-Italja (€142.8 miljun). L-esportazzjoni żdiedet l-aktar lejn il-Ġermanja (€261.5 miljun), mentri naqset l-aktar dik lejn Franza (€155.3 miljun) (Tabella nru 4).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija Eskluż Kapitli Speċifiċi[1]: Lulju tal-2023**

F'Lulju, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi kapitli speċifiċi kien jgħodd €243.7 miljun, kważi fl-istess ilma ta' dak li kien irreġistrat fl-istess xahar tal-2022. L-importazzjoni u l-esportazzjoni kienu jiswew €458.2 miljun u €214.5-il miljun, rispettivament, u b'hekk kien hemm żieda ta' 1.6 fil-mija fl-ewwel waħda u żieda ta' 3.4 fil-mija fit-tieni waħda**,** meta mqabblin mal-istess xahar tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija Eskluż Kapitli Speċifiċi[1]: Jannar-Lulju tal-2023**

Fl-ewwel seba' xhur tal-2023, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi kapitli speċifiċi twessa' b'€172.3 miljun meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2022, sabiex laħaq l-€1,375.7 miljun. L-importazzjoni u l-esportazzjoni żdiedu b'9.1 fil-mija u b'5.1 fil-mija, rispettivament, sabiex laħqu t-€3,027.1 miljun u l-€1,651.4 miljun (Tabella nru 1).

## Ċart nru 2. Il-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Data ta' kull xahar




## Ċart nru 3. It-tibdil perċentwali fil-kummerċ tal-merkanzija

Tqabbil mal-istess xahar ta' sena qabel




## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ sħiħ tal-merkanzija bil-gruppi ewlenin tal-prodotti

Lulju 2023




## Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] bil-kontinent/reġjun

Lulju 2023




[1]Id-data teskludi Fjuwil Minerali, Lubrikanti u Materjal Relatat (Kapitlu 27), Inġenji tal-Ajru, Inġenji tal-Ispazju, u Partijiet Tagħhom (Kapitlu 88) u Bastimenti, Dgħajjes u Strutturi li jżommu f'Wiċċ l-Ilma (Kapitlu 89). Ara nota 8 tan-Noti Metodoloġiċi.

Nota: It-totali jistgħu ma jammontawx minħabba l-arrotondament.